MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 534/2003

**Rikors ta’ Timothy Paul Valletta direttur tas-socjeta’ Drawing Techniques Limited numru ta’ registrazzjoni C 17753**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Timothy Paul Valletta direttur tas-socjeta’ Drawing Techniques Limited numru ta’ registrazzjoni C 17753 fejn gie premess :-

Illi l-esponent huwa direttur fis-socjeta Drawing Techniques Limited u dan skond ma’ jidher mill-kopja tal-Memorandum & Articles of Association ta’ l-istess socjeta li qieghed jigi hawn anness u mmarkata Dokument TPV 1;

Illi s-socjeta Drawing Techniques Limited ma tistax thallas id-djun taghha u dan kif jidher mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta’ l-istess socjeta liema dikjarazzjonijiet qed jigu annessi u mmarkati Dokument TPV 2;

Illi ghalhekk skond Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 is-socjeta Drawing Techniques limited tista’ xxolji u tkun stralcjata mill-Qorti;

Ghalhekk ir-rikorrenti fil-vesti tieghu ta’ direttur tas-socjeta Drawing Techniques Limited skond dak dispost fl-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 talab li jigi ordnat ix-xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta Drawing Techniques Limited numru ta’ registrazzjoni C 17753 ghat-tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 u dan ghar-raguni li l-istess socjeta ma tistax thallas id-djun taghha;

Rat il-lista tal-kredituri presentata mir-rikorrenti a fol.28;

Rat ir-risposta tal-kredituri Pace and Associates Limited fejn gie sottomess:-

Illi hi kreditrici tas-socjeta debitrici ghas-somma globali ta Lm6845 (sitt elef tmien mija u hamsa u erbghin liri maltin);

Illi dan il-kreditu jinkludi somma ta’ Lm4550 (erbat elef hames mija u hamsin liri maltin), rappresentanti bilanc ta’ kera dovuta lill-esponenti kif jirrizulta mill-lista tal-kredituri ppresentata mis-socjeta debitrici fil-kawza odjerna u somma separata ta’ Lm2295 (elfejn u hamsa u disghin liri maltin) rappresentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta debitrici kif qieghed jigi mitlub fl-atti tal-avviz numru 148/2003 liema kawza hi differita ghas-smigh tal-provi ghas-7 ta’ Ottubru 2003 liema ammont hu parzjalment rikonoxxut fil-lista tal-kredituri u cioe’ in kwantu ghall-ammont ta’ Lm1230.27 (elf mitejn u tletin liri maltin u sebgha u ghoxrin centezmu);

Illi d-direttur tas-socjeta debitrici qieghed jitlob li l-istralc ta’ din is-socjeta jigi ordnat mill-Qorti skond il-provedimenti tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpaniji u cioe’

ghar-raguni li l-imsemmija socjeta ma tistax thallas id-djun taghha;

Illi skond il-provedimenti tal-artikolu 214(5) tal-Att dwar il-Kumpaniji, kumpanija titqies li ma tkunx tista thallas id-djun taghha –
(a)jekk id-dejn dovut mill-kumpanijia jkun baqa ma thallax ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wiehed mill-atti esekuttivi msemmijin fl-artikou 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedur Civili (Kap.12); u
(b)jekk ikun ipprovat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista thallas id-djun taghha meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpanija;

Illi s-socjeta ghadha ma ppresentat l-ebda prova fl-atti tal-kawza odjerna biex tistabilixxi liema minn dawn iz-zewg kundizzjonijiet tapplika fir-rigwar tas-socjeta rikorrenti;

Ghalhekk is-socjeta esponenti rriservat id-dritt li tghamel sottomissjonijiet taghha waqt is-smigh tar-rikors ghall-istralc tal-kumpanija u dana skond il-provedimenti tal-artikolu 218(6) tal-Att dwar il-Kumpaniji wara li s-socjeta esponenti tkun ippresentat provi xierqa u opportuni biex issostni r-rikors promotur;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2004 minn fejn jirrizulta li l-kredituri Water Services Corporation iddikjaraw li ma jirrizultalhomx li huma kredituri tas-socjeta debitrici fis-somma ta' Lm116.19 kif hu indikat fid-dokument a fol.28. Mill-kotba tal-korporazzjoni jirrizulta li l-imsemmi ammont hu dovut minn terzi;

Semghet lir-rikorrenti nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2005 minn fejn jirrizulta li gie nominat bhala amministratur provizorju l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino sabiex dan jesamina l-kotba kollha tas-socjeta debitrici u jirrapporta anke

verbalment lill-Qorti jekk hemmx assi bizzejjed li minnhom il-kredituri jistghu jithallsu u dana bil-fakoltajiet kollha skond il-ligi;

Semghet lill-imsemmi amministratur provizorju li informa l-Qorti li bhala assi tal-kumpanija hemm xi stocks li jiswew hafna inqas minn kif indikat fil-kotba tal-kumpanija u ghalhekk ma jidhirx li hemm il-possibilita' li l-kredituri li hemm elenkati a fol.28 jithallsu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur direttur tas-socjeta' Drawing Techniques Limited (C 17753) ippremetta li l-istess socjeta ma tistax thallas id-djun taghha. Ghalhekk skond l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 l-istess socjeta tista' tigi xolta u stralcjata mill-Qorti. Ghalhekk talab, skond dak dispost fl-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995, li jigi ordnat ix-xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta Drawing Techniques Limited numru ta' registrazzjoni C 17753 ghat-tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995;

Giet presentata lista tal-kredituri tas-socjeta in kwestjoni. Fost dawn il-kredituri hemm is-socjeta Pace and Associates Limited li b'nota issottomettiet li hi kreditrici tas-socjeta rikorrenti ghal somma komplessiva akbar minn dak li hemm indikat fl-imsemmija lista tal-kredituri. Inoltre irriservat li tghamel sottomissjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrenti jipproduci provi in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu kif kontenuti fir-rikors promotur. Hemm ukoll indikata bhala kreditur il-Water Services Corporation li fl-atti ta' dawn il-proceduri ddikjarat li l-kreditu taghha elenkat fil-lista tal-krediuri skond il-kotba taghha mhux dovut mis-socjeta debitrici izda minn terzi;

Mill-kumpless tal-provi prodotti, inkluz dak li rrelata verbalment l-amministratur provizorju nominat, jirrizulta sufficjentement li s-socjeta rikorrenti ma tistax thallas id-djun taghha u dana tenut kont tal-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari tal-ammont komplessiv tal-kredituri;

Ma tirrizulta l-ebda malafede jew qerq la da parti tas-socjeta debitrici u lanqas da oarti tad-diretturi taghha;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet tas-socjeta rikorrenti jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u, skond dak li jiddisponi l-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995, tordna x-xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta Drawing Techniques Limited numru ta' registrazzjoni C 17753 ghat-tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 u dan ghar-raguni li l-istess socjeta ma tistax thallas id-djun taghha;

Spejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.

Tordna li dan il-provediment jigi notifikat lir-Registratur tal-Kumpaniji a kura tar-Registratur ta' dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------